DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR 152615** **20.11.2015**

**STQARRIJA MILL-MINISTERU GĦALL-INTERN U S-SIGURTA' NAZZJONALI**

***Konsultazzjoni Pubblika dwar Paceville***

Il-Gvern jinsab kommess li tissaħħaħ is-sigurtà u l-bon ordni f'Paceville.

Wara snin twal minn mindu Paceville inbidel minn żona residenzjali għal dik ta' divertiment, dan dejjem ġab miegħu sfidi, kemm ta' natura soċjali kif ukoll minn aspetti ta' saħħa u anke sigurtà, li huwa meħtieġ li jkunu ndirizzati b'aktar forza.

Wasal iż-żmien li ssir bidla bis-serjetà u nagħrfu li dan it-titjib hu possibli permezz ta' sforz kollettiv.

Il-pubbliku wkoll għandu x'jikkontribwixxi biex dawn l-isfidi jintgħelbu. B'hekk, sabiex tkompli tissokta l-ħidma biex jitfassal pjan sħiħ, l-Ministeru għall-Intern u s-Sigurta' Nazzjonali nieda konsultazzjoni pubblika fejn kulħadd qed jingħata l-opportunità isemma' leħnu dwar Paceville.

Hemm diversi aspetti li jridu jirreġistraw titjieb fosthom fil-kamp leġislattiv, fil-qasam tal-infurzar, taħriġ ipprovdut u anke f'dak li jirrigwardja s-saħħa u s-sigurtà. Dan huwa Gvern li jisma' u għalhekk permezz ta' din il-konsultazzjoni, l-pubbliku huwa mħeġġeġ jgħaddi is-suġġerimenti u l-ideat tiegħu.

Il-proposti kollha sejrin ikunu qegħdin jintlaqgħu fuq is-sit, www.konsultazzjoni.gov.mt u fuq is-sit soċjali facebook /pvdebate, sa nhar il-Ġimgħa, 4 ta' Diċembru 2015.

Flimkien inkomplu nsaħħu il-ħidma favur iż-żamma tal-ordni, rispett lejn il-liġi u ambjent li joffri serħan tal-moħħ.

**Attachments: photos** 

3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 1062 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775
press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt